**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 111/2017**

**Illum: 28 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech,**
**Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Abdelkader Chergui**
**(Numru tal-Pulizija 17MH-034)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Abdelkader Chergui ta' 23 sena, iben Mustafa u Zinab, imwieled Tiaret, Algeria, nhar it-30 ta' Jannar 1994, residenti gewwa Centru tar-Rifugjati, Hal Far limiti ta' Birzebbugia u detentur tan-numru tal-pulizija 17MH-034;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Awwissu 2017 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Biegh jew xort'ohra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Awwissu 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

4. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta tal-*cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet ukoll mitluba tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija li kienu nvoluti f'dan il-kaz[1], illi nhar il-11 ta' Awwissu 2017 ghall-habta tal-11.30 p.m., PC 1209 Edmond Grima, PC 544 Darren Micallef, PS 1116 Vincent Bartolo u PS 130 Roderick Farrugia, dak il-hin ilkoll pajzana, kienu qeghdin jaghmlu ronda gewwa Paceville, meta hekk kif kienu ghaddejjin minn Triq San Gorg, gew avvicinati mill-imputat odjern, li qalilhom il-kliem "*Hashish, hashish*". Huma ghamlulu sinjal fl-affermattiv u l-imputat nizel ftit 'l isfel u avvicina u kellem lil terza persuna, certu Mohamed Abdillahi Sacid, li da parti tieghu mexa ftit u tbaxxa taht sigra u sussegwentement avvicina lill-pulizija flimkien mal-imputat odjern, b'borza tal-plastik f'idejh li kienet tidher li kien fiha boroz ohrajn. Hekk kif il-pulizija identifikaw ruhhom bhala tali, Sacid rema l-borza minn idejh. Din giet elevata mill-pulizija prezenti u gie konstatat li kienet tikkontjeni tnax-il borza zghira b'sustanza suspettata haxixa. Skont PS 1116 u PS 130, wara li l-imputat kien diga` tkellem ma' Sacid u waqt li kienu ghadhom qed jistennew li 'jinqdew' bil-haxixa, l-imputat qalilhom ukoll il-kliem '*cocaine, cocaine'.* L-imputat u Sacid gew arrestati u nhar it-12 ta' Awwissu 2017, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija.[2]

Skont ir-relazzjoni tal-espert il-Professur Manwel Sinagra[3], huwa nghata s-segwenti ghall-analizi tieghu: *Evidence bag* bin-numru M14256011 li kellha tnax-il qartas b'haxix ahdar gewwa fiha, kif ukoll forma ta' qartas tal-plastik li kellu sustanza sewda (mahruqa) u *evidence bag* ohra M14255968 li ma kellha xejn fiha. Jirrizulta mill-istess relazzjoni illi fil-waqt illi s-sustanza sewda rrizultat fin-negattiv ghal xi sustanza llecita, f'estratt mehud mis-sustanza fl-istess dokument, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-haxix ahdar kellu piz nett ta' 5.3 grammi u purita` ta' cirka 6%.

Xehed ukoll Sacid Mohamed Abdillahi li jghid illi d-droga li kienet fil-pussess tieghu fil-jum in kwistjoni kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu, li dakinhar huwa gie arrestat wahdu u mbaghad sar jaf li kien gie arrestat ukoll l-imputat odjern, li huwa ma kienx ghamel kuntatt mal-imputat, li kien xurban u ra lill-pulizija flimkien mal-imputat. Jghid illi huwa kien miexi, ghadda minn hdejn il-pulizija u l-imputat u ftit wara, wiehed mill-pulizija mar warajh. Huwa baqa' miexi, izda mbaghad gie arrestat, fil-waqt illi kellu d-droga fil-pussess tieghu,

[1] Ara x-xhieda ta' PC 1209 Edmond Grima (a fol. 16 sa 21 tal-process), PC 544 Darren Micallef (a fol. 22 sa 29 tal-process), PS 1116 Vincent Bartolo (a fol. 31 sa 38 tal-process), PS 130 Roderick Farrugia (a fol. 39 sa 43 tal-process) u l-Ispettur Lara Butters (a fol. 53 sa 56 tal-process).
[2] Din tinsab esebita a fol. 73 sa 81 tal-process.
[3] Vera kopja ta' din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 80 sa 83 tal-process.

liema droga huwa kien xtraha biex juzaha f'dak il-lejl, b'kollox xi hames grammi fi tnax-il borza zghira. Jghid illi d-droga ma kien ser jaghtiha lil hadd ghaliex kienet intiza ghalih. Jghid ukoll illi huwa ma tkellimx mal-imputat ghax ma jafx jitkellem bil-Malti u li kien jafu biss minn wiccu.[4]

Da parti tieghu, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi d-droga ma kinitx tieghu, illi fil-jum ta' qabel il-pulizija staqsieh min ibiegh il-*hashish* u huwa ghajjat lis-Somalu u qallu li jrid il-*hashish* u dan gablu zewg grammi. Jghid illi huwa qal lill-pulizija li s-Somali jbieghu l-*hashish* u wrieh min ibiegh il-*hashish*, b'referenza ghas-Somalu. L-imputat jghid illi kienu l-pulizija li marru hdejh, li huwa staqsihom x'riedu u li dawn qalulu '*hashish*'. Jghid illi lis-Somalu qallu li l-pulizija ried il-*hashish.* Jghid ukoll li ma kien hemm l-ebda diskors fuq xi tip ta' droga ohra. L-imputat jghid illi huwa tkellem ma' zewg Somali li kienu flimkien – wiehed liebes l-ahmar[5] u l-iehor liebes kappell – li dak li kien liebes il-kappell kellu l-haxixa f'idu u harab, fil-waqt illi dak li kien liebes l-ahmar ma kellu xejn fuqu. Jghid illi huwa ma jafhomx, izda jaf li jbieghu d-droga ghax ftit qabel waqqfu lilu u offrewlu d-droga. Wara jghid ukoll illi dakinhar huwa kien mar darba fit-triq fejn gie arrestat u li s-Somalu offrielu d-droga meta kien hdejn il-bajja, izda huwa ma riedx droga. Izjed tard, skont hu, meta l-pulizija talbu ghall-haxixa, huwa rega' ra lill l-istess Somalu dak il-hin u ghalhekk kien irrefera lill-pulizija ghalih. Jghid ukoll illi darba fil-gimgha, huwa jpejjep *hashish* jew *weed* tal-Marokk, mhux bhad-droga li gie muri mill-Ispettur (ossia l-haxixa fil-pussess ta' Sacid) u li din tkun blokka kannella bhal cikkulata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz <u>tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet</u>, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta' traffikar tal-pjanta *cannabis* u tal-kokaina.

Fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza tissottometti illi ma jirrizultax mill-atti illi l-imputat kellu d-droga fil-pussess tieghu, tant illi din kienet fil-pussess ta' Sacid, kif jghid ukoll l-istess Sacid fix-xhieda tieghu. Id-difiza tirreferi wkoll ghax-xhieda ta' Sacid li jghid illi lill-imputat ma kienx jafu u li ma kien hemm l-ebda ftehim bejniethom. Issostni wkoll id-difiza illi mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta illi huwa sempliciment indika lil Sacid bhala l-persuna li kellha d-droga ghall-bejgh, ghaliex bhal speci din kienet *public knowledge*. Fid-dawl ta' dan, id-difiza tissottometti illi l-imputat ghandu jigi liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

---

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 87 sa 95 tal-process.

[5] Il-Pulizija prezenti jindikaw lil Sacid bhala l-persuna li kienet liebsa flokk ahmar.

M'hemmx dubju mix-xhieda tal-pulizija prezenti illi l-imputat ma kellux droga fuq il-persuna tieghu. Effettivament ilkoll jaqblu illi kien Sacid li resaq lejhom bil-borza li sussegwentement, fiha nstabu tnax-il borza ohra bis-sustanza *cannabis grass* u dan wara li l-istess Sacid gie nnutat jitbaxxa hdejn sigra bhal donnu sabiex jigbor xi haga. Biss l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, <u>li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti</u>, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear mizjud]

Ghalhekk sabiex jiffigura r-reat ta' traffikar, m'huwiex mehtieg li wiehed ikollu d-droga fil-pussess tieghu, izda l-offerta` li wiehed jipprovdi d-droga hija sufficjenti.

Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ronald Psaila</u>**, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna **toffri** li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament, **<u>persuna turi</u>**, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11$^{th}$ Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "**Offering to Supply**" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "**An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply**" (vide kazistika indikata – pg. 776).*"

Skont il-kazistika Ingliza, spefikatament fil-kaz ta' *Mitchell (unreported, June 3, 1992, CA)*, fejn l-akkuzat offra li jipprovdi l-*cannabis*, u fejn meta saret tfittxija fuqu, irrizulta illi huwa kien fil-pussess ta' sustanza li kienet tixbah il-*cannabis* izda kienet fil-fatt innokwa, inghad hekk:

"*An offer may be by words or conduct. If it is by words, one has to judge from the words, whether it is an offer to supply a controlled drug. If a person knowingly makes an offer to supply in words which have that effect, that is the offence*…".[6]

F'dan il-kaz, l-Ufficjali tal-Pulizija jghidu illi kien l-imputat li avvicinahom u waqqafhom u qalilhom il-kliem '*hashish, hashish*' u wara li dawn ghamlulu sinjal fl-affermattiv, l-imputat qalilhom sabiex jistennew u nizel 'l isfel fejn ikkomunika ma' terza persuna – Sacid – li da parti tieghu, avvicina sigra ftit izjed 'l isfel, tbaxxa u sussegwentement, avvicina lill-pulizija b'borza f'idejh li wara rrizulta li kienet tikkontjeni tnax-il borza bil-*cannabis grass*. Da parti tieghu, l-imputat jghid illi kienu l-pulizija li staqsewh minn fejn jistghu jixtru l-haxixa u li huwa indikalhom persuna ta' nazzjonalita` Somala ghaliex ftit tal-hin qabel, dan kien offra d-droga lilu stess. Ghalhekk huwa ghajjatlu u nfurmah li l-pulizija riedu d-droga.

Dwar il-verzjoni tal-pulizja min-naha l-wahda u dik tal-imputat min-naha l-ohra, ghalkemm irid jinghad illi anke fl-azzjoni ta' wiehed li jaghti informazzjoni intiza sabiex twassal ghax-xiri ta' droga jiffigura r-reat ta' traffikar ai termini tal-artikolu fuq citat, biss il-Qorti ssib il-verzjoni tal-pulizija izjed kredibbli u verosimili minn dik tal-imputat. Il-Qorti tosserva illi l-Ufficjali kollha li xehdu kienu lkoll konsistenti dwar kif l-imputat avvicinahom u offrielhom il-haxixa, kif ukoll dwar l-azzjonijiet sussegwenti tieghu, fis-sens illi imbaghad avvicina lil Sacid, li da parti tieghu mar sabiex jipprovdilhom din id-droga. Mill-banda l-ohra, skont l-imputat, kumbinazzjoni l-pulizija waqqfu proprju lilu sabiex jistaqsuh minn fejn setghu jixtru l-haxixa u b'kumbinazzjoni ikbar, proprju dak il-hin fl-istess triq, huwa ra lill-persuna ta' nazzjonalita` Somala li izjed kmieni kienet offrietlu d-droga f'post iehor ossia hdejn il-bahar. Dan apparti illi l-imputat, f'hin minnhom, fl-istqarrija tieghu, jghid ukoll illi kienu zewg Somali – allura ma baqax izjed wiehed – u li kien dak li harab li kellu d-droga f'idejh ossia dak li kien liebes kappell, fil-waqt illi l-iehor li kien liebes l-ahmar (allura Sacid skont il-pulizija) ma kellux droga. Dan naturalment ma huwa korroborat bl-ebda mod mix-xhieda tal-erba' pulizija

[6] Fortson Rudi QC, *Misuse of Drugs and Drug Trafficking Offences*, 6th edition, Sweet & Maxwell, (2011), pagna 266.

nvoluti, li lkoll xehdu illi l-imputat mar ikellem lil Sacid u li kien Sacid li avvicinahom bid-droga f'idejh, flimkien mal-imputat. Fl-ebda hin, il-pulizija ma jghidu illi kien hemm persuna ohra liebsa kappell jew li kien hemm terza persuna ma' Sacid.

Il-Qorti lanqas ma tqis ix-xhieda ta' Sacid bhala kredibbli jew verosimili u dan fl-ewwel lok, in vista ta' dak li osservaw il-pulizija, li ma jhalli l-ebda dubju dwar il-fatt illi l-imputat kien ghamel kuntatt mal-istess Sacid, kuntrarjament ghal dak li jghid hu fix-xhieda tieghu u lanqas dwar l-involviment tal-istess xhud f'din il-vicenda kollha meta proprju dak il-hin li l-imputat offra d-droga lill-pulizija, l-istess imputat avvicinah u huwa mar jigbor xi haga minn taht sigra biex imbaghad mar hdejn il-pulizija bi tnax-il borza kontenenti l-*cannabis grass*. Din il-Qorti lanqas ma tqis lix-xhud kredibbli meta jghid illi d-droga fil-pussess tieghu kienet kollha intiza ghall-uzu personali tieghu, ghaliex apparti li avvicina lill-pulizija bid-droga f'idu bl-iskop li jbieghilhom minnha wara li l-imputat kien diga` offrielhom il-haxixa, in oltre n-numru ta' boroz u l-piz tad-droga ma jhallux dubju illi din kienet intiza ghall-bejgh, kuntrarjament ghal dak li jghid ix-xhud.

Il-Qorti tqis illi l-kliem tal-imputat lill-pulizija u l-azzjonijiet tieghu sussegwenti, li wasslu finalment sabiex Sacid javvicina lill-pulizija bid-droga f'idu jwasslu lill-Qorti sabiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-imputat fil-fatt kien offra li jipprovdi l-*cannabis grass* lill-pulizija. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentment ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Madankollu mhux l-istess jista' jinghad dwar it-tieni imputazzjoni, li giet addebitata lill-imputat ghaliex allegatament, dakinhar, huwa offra wkoll is-sustanza kokaina. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi x-xhieda tal-pulizija prezenti ma kinitx konsistenti. Fil-fatt PC 1209 u PC 544 ma jghidu xejn dwar dan fix-xhieda taghhom, u kienu biss PS 1116 u PS 130 li jghidu li l-imputat offrielhom il-kokaina. Il-Qorti tinnota illi fil-waqt illi PS 1116 u PS 130 jghidu illi l-imputat qalilhom il-kliem '*cocaine, cocaine'* wara li kien diga` avvicina lil Sacid in segwitu ghall-offerta` tal-haxixa lill-pulizija, mill-banda l-ohra, mistoqsi jekk inghadx xi diskors iehor sakemm kienu qeghdin jistennew u Sacid wasal bid-droga, PC 1209 jghid "*Le malli qalilna 'hashishe hashish', harisna lejn xulxin, staqsejnieh kemm u qalilna li jiswew 20 Euro*"[7] u dan b'referenza ghall-imputat. Jghid ukoll illi l-imputat nizel ikellem lil Sacid mill-ewwel u Sacid imbaghad tela' bil-borza. Da parti tieghu, PC 544 jghid illi sakemm Sacid wasal bil-borza f'idejh, l-imputat kien hdejh ukoll u mistoqsi jekk intqalx xi diskors sakemm kienu

[7] A fol. 20 tal-process.

qeghdin jistennewhom, huwa jghid "*Le l-persuna l-ohra baqa' hemm* [b'referenza ghall-imputat] *u gie l-persuna tal-flokk ahmar* [b'referenza ghal Sacid]... *u avvicinana u ta l-borza u dak il-hin gie arrestat*".[8] In oltre PS 1116 jghid illi xi hadd mill-pulizija staqsa lill-imputat kemm kienet ser tiswihom, b'referenza ghall-haxixa u dan wiegeb li l-prezz kien ta' €20. F'dan is-sens ix-xhieda ta' PS 1116 tikkombaca ma' dik ta' PC 1209. Biss PS 130 jghid hekk: "*Waqt li l-persuna li kien liebes flokk ahmar kien qieghed igib l-affarijiet minn taht is-sigra, qalilna* [b'referenza ghall-imputat] *wkoll "Cocaine, Cocaine," u dak il-hin kollega minn tieghi staqsih kemm, u qallu ghoxrin ewro (€20)*".[9] Ghalhekk fil-waqt illi PC 1209 u PS 1116 jabbinaw il-prezz ta' ghoxrin ewro mal-offerta tal-haxixa, mill-banda l-ohra PS 130 jabbina dan il-prezz mal-kokaina. Lanqas ir-rapport inizjali tal-Ispettur Lara Butters fil-mori tal-inkjesta jew ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri ma jaccennaw ghal din l-allegata offerta. Fid-dawl tas-suespost u tad-diskrepanzi f'din il-parti tax-xhieda tal-pulizija, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata sodisfacentement fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie addebitat bl-aggravju tad-distanza. M'hemmx dubju illi l-kaz odjern sehh gewwa Paceville u ghalhekk f'post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. Ghaldaqstant, dan l-aggravju jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

Finalment, permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat gie addebitat ukoll bil-pussess semplici tal-pjanta *cannabis*. Jidher illi l-Pulizija Ezekuttiva akkuzat lill-imputat b'dan ir-reat fid-dawl tal-istqarrija tieghu lill-pulizija fis-sens illi huwa kien jaghmel uzu mill-*cannabis*. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi l-*cannabis* li kien jaghmel uzu minnha ma kinitx bhal dik murija lilu cioe` dik li nstabet fil-pussess ta' Sacid – u ghalhekk ma kinitx haxixa jew pjanta tal-*cannabis* – izda blokka u li din tkun kannella bhac-cikkulata. Jidher ghalhekk illi hawnhekk l-imputat kien qed jirreferi ghar-raza tal-*cannabis*, tant illi fid-domandi sussegwenti taghha, l-Ufficjal Investigatur stess tirreferi ghar-raza: "*Kemm ilek tiehu l-cannabis resin*?"[10] u "*Kemm tixtrieha l-cannabis resin*?"[11]. La darba l-imputat gie akkuzat bil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u mhux tar-raza tal-*cannabis,* li dwarhom il-ligi taghmel distinzjoni tant illi z-zewg reati jemergu minn zewg artikoli differenti ossia l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 in kwantu r-raza u l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 in kwantu l-pjanta, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata.

---

[8] A fol. 26 tal-process.
[9] A fol. 42 tal-process.
[10] A fol. 78 tal-process
[11] A fol. 79 tal-process.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern li kienet wahda netta.

Tqis ukoll in-natura serja tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati, kif ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz u li f'dan il-kaz il-piena ghar-reat fl-ewwel imputazzjoni ghandha tizdied bi grad ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(e), 22(1)(a), 22(1B), 22(2)(b)(i), it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reat li tieghu qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza - u multa ta' disa' mitt ewro (€900).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas nofs[12] l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz ossia nofs l-ispejjez rizultanti mill-hatra tal-espert Xjenzat Professur Manwel Sinagra, ammontanti tali porzjon ghas-somma ta' mija u sittax-il ewro, tlieta u erbghin centezmu (€116.43).

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita formalment fl-atti ta' din il-kawza bhala Dokument AA, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

[12] Il-Qorti qed talloka nofs l-ispejjez lill-hati stante illi l-inkjesta in kwistjoni kienet tinvolvi wkoll terza persuna.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat